# IL-KUNJOM U L-LAQAM FIL-FOLKLOR

minn Rafel Bonnici Cali'

Sa qabel it-tieni Gwerra Dinjija, meta l-pulizija kien iharrek lill-xi hadd, minbarra l-sem, kunjom u indirizz, kien irid ukoll il-laqam. Din darba grat lili stess, meta kont mort l-ghassa tal-pulizija biex nirrapporta ragel li kien qed isuq perikoluz fit-triqat dojoq, u kien ser jolqotni. Lill-pulizija tajtu n-numru tal-karrozza, u ried ukoll ismi u kunjomi. Talabni nghidlu l-laqam tieghi, izda skanta meta ghedtlu li ma kellix, u kellu ragun, ghax fi ckuniti rari hafna li wiehed ma kellux laqam. Il-laqam kien bzonnjuz hafna, ukoll ghall-pulizija, meta hafna minnhom ma kienux jafu jiktbu, u kien ikun biz-zejjed jekk jiftakru l-laqam.

Dari kulhadd kellu laqam, professjonisti, qassisin, kbar u zghar; bosta semghu bil-monsinjur tal-Vers ta' Ghawdex, bl-isqof Ta' Bendu, f'Malta, bil-president tal-qorti, Zammitellu, bit-tabib Iz-Zopp, u bl-avukat Tal-Marsa, personalitajiet mill-aqwa li kellna sa ftit snin ilu.

Barra l-isem ufficjali taghhom, il-kazini u l-ghaqdiet kellhom il-laqam taghhom ukoll. Il-Banda La Vallette aktar jghidulha Tal-Ajkla; il-Banda tal King's Own jghidulha ta' L-Istilla. L-ibliet u l-irhula wkoll kellhom laqam, bhal Ta' Cacu (L-Isla), Girbin(Borgu), u postijiet aktar godda bhal Tal-Mama' (tas-Sliema), u tas-Sikkina(Hamrun).

Il-Kunjom u l-laqam aktarx imxew mal-isem tal-bniedem. L-ewwel hjiel taghhom insibuh fil-Bibbja; fost hohrajn niltaqghu ma tifel tat-twelid misjub f'qoffa f'wicc ix-xmara mill-princi-pessa ta' l-Egittu, li semmietu Mose'(mehlus mill-ilma). Insibu

wkoll lill-San Guzepp li kellu l-kunjom tar-razza, isem missieru,"Guzeppi bin David", u l-laqam ta' senghetu "Guzeppi l-Mastrudaxxa", waqt li Kristu kien maghruf ufficjalment maghruf minn Pilatu bhala "Gesu ta' Nazaret" ghalkemm nafu li twieled f'Betlem. Dawn id-drawwiet tal-Lhud ghaddew ghall-popli ohra civilizzati, fosthom Malta, u b'hekk inholqu kunjomijiet bhal De Giovanni(Iben Ganni), Fabri (bin jew Tal-Haddied), Ghaxaq (minn Hal Ghaxaq), u ohrajn fuq din it-tifsila Lhudija. Insibu li Gesu' sejjah lill-ahwa appostli Ganni u Gakbu, "Ulied ir-Rghad)li mhux hlief laqam fuq xi grajja li kellhom jghaddu minnha.

Il-laqmijiet tnisslu minn grajjiet, hila, ghemil, kwalitajiet li maghhom kellhom x'jaqsmu maghhom in-nies. bhalma huma Grosso, Magro, Terribile, Pace, kwalitajiet personali.

Hawn min jahseb, li matul il-grajja mqallba ta' Malta, nholqu bosta laqmijiet u kunjomijiet li maz-zmien tilfu l-veru tifsira taghhom; ohrajn bdew jiehdu xejra Romanza bil-kitba, zmien wara' zmien, sakemm inqalbu fit-taljan fl-ahhar hames sekli bl-influwenza Sqallija, u niskantaw, kif ftit minn dawn, bhal Fenek, Butigieg, Mejlak, Abdilla, Kirkop, Attard, Balzan, Lija, Sultana u ohrajn, zammew is-sura originali taghhom Maltija. Forsi il-kunjom Fenek u ohrajn bhalu tnisslu minn xi hadd li kien irabbi l-annimali, u jidher li dawn kienu originarjament laqmijiet li maz-zmien saru kunjomijiet. Dak li jidher zgur hu li kienhemm rabta bejn dawn in-nies u l-annimali, l-istess kif kienhemm rabta bejn in-nies u l-postijiet Attard, Balzan, Lija u ohrajn, bhal Catania, Cremona, u Said, li jixhdu rabta ma mkejjen qribna. B'dan kollu, jekk dawn il-kunjomijiet jew laqmijiet tnisslu f'artijiet qrib taghna, wara' daz-zmien kollu saru Maltin daqs kull isem Malti iehor.

Xi tnissil ta' laqmijiet jista' jitfisser ahjar ghax hafna minnhom marbuta ma nies, snajja, Hadidu, Katusu, Habbiesu, Ukoll Mulett(jimxi bil-qabza), Kalandra (pacpaci), Xahma (artab). Fuq difetti insibu Tal-Habs(ghax flok hobza jghid habs), u bil-maqlub wiehed dghaj qalawielu il-Qaddis. Wiehed laqam kurjuz huwa dak ta' bojja ta' hamsin sena ilu, li laqqmuh San Frangisk; kulhadd kien jibza minnu, kien joqghod qrib l-Addolorata u ftit kienu jersqu jkellmuh.

Hu interessanti kif jintiret il-laqam mit-tifel mill-genituri, daqqa mill-missier, u ohra mill-omm, jiddependi min minnhom l-aktar ikun maghruf mill girien u nies tal-post. Xi drabi wkoll il-mara tiehu l-laqam ta' zewgha, jew hu ta' martu. Naf kaz f'Hal Tarxien fejn naf jein, fejn ragel kien jismu Oreste, u martu Carmela, izda kulhadd isejhilha Orestina, u ulieda jghidulhom ta' Orestina, li fl-ahhar mill-ahhar mhux hlief isem sabih.

Kazijiet interessanti huma dawk ta' xi emigranti Maltin li taw xehtiet barranin ta' kunjomhom. Fost dan insibu lill-kittieb u poeta Ropa, li ghamel isme fi Franza; kien nisel tal-familja Ghawdxija Rapa, izda din l-istess familja fix-Xaghra kienet aktarx maghrufa bil-laqam tar-Ruppat. Dan it-taqlib tal-lehen u l-kitba fil-kunjomijiet insibuh f'hafna manuskritti. Hawn jigi quddiem ghajnejja il-Kanonku Agius de Soldanis flok li jnizzel ismu Agius Sultana. Minbarra dan l-gharef niftakar f'iehor injorant imsemmi minn Annibale Preca f'"Malta Cananea"pag.639, certu zaghzugh li meta gie mistoqsi mill-qorti jekk kienx Censu Galea, huwa qal li kien Censu Sarrew, ghax qal li Galea kien kunjom Guzepp missieru, u tieghu Sarrew, ghax gieh f'mohhu kunjom familja Sarreo, u tieghu kien insieh!

Dan li ghedna juri kemm il-kunjom u wisq aktar il-laqam jaghmlu sehem kbir mill hajja folkloristika taghna l-Maltin.

---